Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**13225/25**

**SOC 623**
**EMPL 411**
**STATIS 66**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 488 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 488 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2025
COM(2025) 488 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità

## 1. INTRODUZZJONI

L-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti (JVS, job vacancy statistics ) tirreġistra n-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti f'mument partikolari, li jirriflettu d-domanda mhux issodisfata għall-manodopera.

Għalhekk, din tipprovdi informazzjoni ewlenija dwar lakuni possibbli bejn il-provvista ta' ħaddiema u d-domanda għalihom, inklużi d-diskrepanzi fis-suq tax-xogħol, li jseħħu meta l-ħiliet jew il-post fejn jinsabu n-nies li jkunu qegħdin ifittxu xogħol ma jikkorrispondux mal-aspettattivi minn impjegaturi possibbli.

L-Eurostat jippubblika stqarrija tal-aħbarijiet trimestrali fuq is-sit web tiegħu[1], b'sett kbir ta' data tal-JVS imqassma skont l-attività ekonomika.

Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità[2] ("ir-Regolament dwar il-JVS") jistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jipproduċu indiċijiet komparabbli u jipprovduhom lill-Kummissjoni.

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-JVS, il-Kummissjoni hija mitluba tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament sal-24 ta' Ġunju 2010 u kull 3 snin wara dan. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jivvaluta l-kwalità kemm tal-istatistika pprovduta mill-Istati Membri kif ukoll tal-aggregati tal-UE. Barra minn hekk, se jidentifika wkoll oqsma fejn jista' jsir titjib fil-futur.

Dan huwa s-sitt rapport dwar il-JVS tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[3]. Ir-rapport jiffoka fuq id-data tal-JVS li tkun waslet sa mill-edizzjoni preċedenti, għat-trimestri ta' referenza li jvarjaw mill-ewwel trimestru tal-2022 (Q1-2022) sat-tielet trimestru tal-2024 (Q3-2024). Dan jirrifletti l-osservazzjonijiet magħmula mill-Eurostat meta tinġabar u tiġi vvalutata d-data tal-JVS għal dawn it-trimestri ta' referenza u jibni fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tal-kwalità tagħhom[4].

---

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/3-16122024-bp?etrans=mt
[2] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234. https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2008/453/oj/eng
[3] Ara r-rapport preċedenti: COM(2022) 355 tas-26 ta' Lulju 2022.
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0355&qid=1738593721236,
[4] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm

Sabiex tikkomplementa l-qafas ġenerali stabbilit mir-Regolament dwar il-JVS, il-Kummissjoni adottat żewġ regolamenti ta' implimentazzjoni:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008,[5] li jiddefinixxi l-proċeduri ta' aġġustament staġjonali li jridu jiġu applikati mill-ewwel trimestru tal-2014, l-istruttura u l-kontenut tar-rapporti annwali dwar il-kwalità li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni, u d-dati meta jridu jintbagħtu dawn ir-rapporti;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009,[6] li jiddefinixxi t-terminu "post tax-xogħol vakanti", jistabbilixxi l-iskadenzi sa meta trid tintbagħat id-data u jispeċifika l-perjodi li jridu jiġu koperti bl-ewwel sett ta' data pprovdut. L-anness ta' dan l-att legali jelenka l-Istati Membri li jwettqu studji ta' fattibbiltà u s-suġġetti koperti minn dawn l-istudji.

Fl-Anness 2 tar-Regolament (KE) Nru 1062/2008, il-kwalità tal-JVS hija ddefinita bl-użu tal-kriterji li ġejjin: ir-rilevanza, l-akkuratezza, iż-żamma tal-ħin u l-puntwalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza.

L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza tad-data tal-JVS issa huma stabbiliti sew, permezz tal-pubblikazzjoni ta' metadata dettaljata u tar-rapporti nazzjonali dwar il-kwalità fuq is-sit web tal-Eurostat. Għalhekk, dan ir-rapport tal-JVS se jiffoka fuq il-kriterji l-oħra.

## 2. PROGRESS ĠENERALI SA MILL-AĦĦAR RAPPORT

Il-bażi legali deskritta hawn fuq għal JVS tapplika għall-perjodu ta' referenza kopert minn dan ir-rapport.

Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt għall-istatistika kollha tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji (LMB, labour market statistics), inkluża l-JVS. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għamlet proposta biex tissostitwixxi r-Regolament Qafas li ġie adottat fis-28 ta' Lulju 2023[7]. Ir-Regolament il-ġdid (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ġie adottat fis-7 ta' Mejju 2025[8].

---

[5] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008 tat-28 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar impjiegi battala fil-Komunità, fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġustament staġjonali u rapporti dwar il-kwalità (ĠU L 285, 29.10.2008, p. 3).

[6] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar l-impjiegi battala fil-Komunità, b'rigward tad-definizzjoni ta' impjieg battal, id-dati ta' referenza għall-ġbir tad-data, l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjoni tad-data u l-istudji ta' fattibbiltà (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 3).

[7] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX:52023PC0459.

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202500941

L-iżviluppi ewlenin li seħħew matul il-perjodu ta' referenza kienu kif ġej:

- l-aġġornament tal-aggregat taż-żona tal-euro biex jirrifletti l-inklużjoni tal-Kroazja wara l-adozzjoni tagħha tal-euro fl-1 ta' Jannar 2023;

- l-inklużjoni fil-ħarġa tal-istqarrija tal-aħbarijiet trimestrali ta' analiżi tar-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti mit-taqsima tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE, Nomenclature statistique des activités économiques dans la Communauté européenne), għall-aggregati kemm taż-żona tal-euro kif ukoll tal-UE;

- it-tixrid tal-ħarġa tal-stqarrija tal-aħbarijiet trimestrali f'format rivedut li jinkludi graffs interattivi;

- l-espansjoni tal-ambitu ta' JVS, għal Franza, biex tkopri intrapriżi żgħar b'inqas minn 10 impjegati.

Fit-taqsimiet li jmiss, nikkummentaw dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-ambitu, l-istandards tal-ġbir tad-data, il-validazzjoni tad-data u l-aġġustament staġjonali.

### 2.1 Ambitu

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu n-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti u tal-postijiet tax-xogħol okkupati għall-unitajiet kollha tan-negozju u skont l-attività ekonomika, għal kull taqsima tal-klassifikazzjoni statistika[9] tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE Rev. 2). Madankollu, għall-intrapriżi żgħar (definiti bħala unitajiet b'inqas minn 10 impjegati) kif ukoll għan-NACE Rev. 2, it-taqsimiet O-S[10] (fejn l-attivitajiet ewlenin tagħhom huma l-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni), ir-Regolament dwar il-JVS jistipula li kull Stat Membru li jsib diffikultajiet biex jipprovdi d-data, għandu jwettaq studji ta' fattibbiltà. Għalkemm dawn l-istudji ta' fattibbiltà ppermettew lil xi Stati Membri jiksbu kopertura sħiħa tal-ekonomija, dan għadu ma huwiex il-każ għad-Danimarka, Franza u l-Italja.

Mill-aħħar rapport, Franza bdiet tittrażmetti data dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti għad-daqsijiet kollha ta' intrapriżi, inklużi dawk li għandhom bejn impjegat wieħed u disa' impjegati. Serje b'lura ġiet trażmessa wkoll għall-perjodu li jibda mit-tieni trimestru tal-2011 (T2-2011) 'il quddiem.

Fid-Danimarka, huma mistħarrġa biss l-unitajiet fl-ekonomija tan-negozju (in-NACE Rev. 2, it-taqsimiet B sa N). Fi Franza u fl-Italja, "L-amministrazzjoni pubblika u d-difiża; is-sigurtà soċjali obbligatorja" (in-NACE Rev. 2, it-taqsima O) ma hijiex mistħarrġa, filwaqt li l-

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1). ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1; ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj.

[10] Li jkopri: l-amministrazzjoni pubblika u d-difiża, is-sigurtà soċjali obbligatorja (it-taqsima O), l-edukazzjoni (it-taqsima P), is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet tax-xogħol soċjali (it-taqsima Q), l-arti, l-ispettakli u r-rikreazzjoni (it-taqsima R) u attivitajiet oħrajn ta' servizz bħall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, it-tiswija tal-kompjuters u oġġetti personali u tad-dar, u attivitajiet oħrajn ta' servizzi personali (it-taqsima S).

istituzzjonijiet pubbliċi ma humiex koperti bis-sħiħ fl-"Edukazzjoni" jew fis-"Saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet tax-xogħol soċjali" (in-NACE Rev. 2, it-taqsimiet P u Q).

## 2.2 Standards għall-ġbir tad-data

L-aħħar verżjoni tal-Iskambju tad-Data u tal-Metadata tal-Istatistika (SDMX, Statistical Data and Metadata eXchange)[11] u l-listi tal-kodiċijiet miftiehma internazzjonalment (disponibbli online permezz ta' reġistru dedikat)[12] intużaw b'suċċess biex jirċievu d-data tal-Istati Membri; biex tipproduċi l-JVS u biex tibgħathom lill-Bank Ċentrali Ewropew.

## 2.3 Validazzjoni tad-data

L-Eurostat kompla jwettaq kontrolli tal-plawżibbiltà fuq kull trażmissjoni trimestrali billi qabbel is-serje maż-żmien u fost l-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE. Jekk ikun hemm bidliet sinifikanti trimestru wara trimestru, l-Eurostat jitlob lill-Istati Membri jikkonfermaw id-data jew jittrażmettu fajl tad-data kkoreġut. Jekk jiġu identifikati reviżjonijiet kbar jew bidliet f'daqqa fi kwalunkwe taqsima partikolari tan-NACE, dawn jiġu segwiti sistematikament mal-pajjiżi kkonċernati.

## 2.4 Aġġustament staġjonali

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1062/2008, l-Istati Membri kollha tal-UE u pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)[13] huma mistennija wkoll li jittrażmettu serje aġġustata staġjonalment (SA, seasonally adjusted) b'data dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u l-postijiet tax-xogħol okkupati mill-inqas għan-NACE Rev. 2, it-taqsimiet B-E, F, G-I, J, K, L, M-N, O-Q u R-S individwali/aggregati. L-Eurostat juża d-data fornuta dwar postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati aġġustati sabiex jikkalkula r-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti aġġustati staġunalment bħala proporzjon.

Fil-livelli tal-UE u taż-żona tal-euro, il-postijiet tax-xogħol okkupati u l-postijiet tax-xogħol vakanti l-ewwel jiġu aggregati fl-Istati Membri kollha u mbagħad jiġu aġġustati staġjonalment (aġġustament staġjonali dirett).

L-Eurostat jippubblika d-data SA għall-aggregati tal-UE fil-bażi tad-data rilevanti[14] u fl-artikolu "Statistika Spjegata" dwar l-JVS[15], flimkien ma' data mhux aġġustata staġjonalment (NSA, non-seasonally adjusted) (ara t-Taqsima 4.5).

L-Eurostat kompla jimmonitorja l-proċeduri ta' aġġustament staġjonali permezz tal-anness iddedikat mehmuż mar-rapporti nazzjonali dwar il-kwalità. Dan l-anness jagħti dettalji dwar il-mudelli ta' aġġustament staġjonali użati, l-outliers identifikati, id-daqs tal-aġġustamenti, u l-volatilità tar-riżultati.

---

[11] https://sdmx.org/ (disponibbli bl-Ingliż biss).
[12] https://webgate.ec.europa.eu/sdmxregistry/ (disponibbli bl-Ingliż biss).
[13] Għajr il-Liechtenstein, billi r-Regolament (KE) Nru 1062/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 ma japplikax għal dan il-pajjiż. Matul id-dokument kollu, in-Norveġja u l-Iżlanda jissejħu "pajjiżi oħra taż-ŻEE".
[14] https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/jvs_q_nace2/default/table?lang=en&category=labour.jvs
[15] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Job_vacancy_statistics&action=statexp-seat&lang=mt

## 2.5 Rapporti tal-kwalità

Ir-rapporti annwali dwar il-kwalità ġeneralment ġew sottomessi mill-Istati Membri fil-ħin, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2024, bl-użu tal-aħħar verżjoni tal-għodda tal-Handler tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Ir-rapporti saru disponibbli għall-utenti kollha[16].

# 3. ŻVILUPPI EKONOMIĊI MIL-LENTI TAL-JVS

Matul il-perjodu ta' referenza, l-Eurostat kompla jipprovdi lill-utenti istituzzjonali u lill-pubbliku ġenerali b'JVS u b'indikaturi derivati fuq bidliet ċikliċi u strutturali fis-swieq tax-xogħol tal-UE. L-aħħar żviluppi huma deskritti fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2 hawn taħt.

## 3.1 Ċiklu ta' post tax-xogħol vakanti

Kif muri fit-tabella ta' hawn taħt, JVS turi punt ta' bidla fit-tieni trimestru tal-2022 (T2-2022) kemm għall-UE kif ukoll għaż-żona tal-euro. Dan immarka l-bidu ta' tnaqqis fir-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti wara diversi trimestri ta' żidiet konsekuttivi.




## 3.2 Kurva ta' Beveridge

Minbarra li hija indikatur importanti għall-analiżi taċ-ċikli tan-negozju, JVS tipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni korrispondenti tas-swieq tax-xogħol permezz tal-"kurva ta' Beveridge".

L-illustrazzjoni ta' hawn taħt turi l-kurva ta' Beveridge tal-UE, li turi r-relazzjoni negattiva bejn il-qgħad u l-postijiet tax-xogħol vakanti, jiġifieri hekk kif jiżdied in-numru ta' opportunitajiet ta' impjiegi, in-numru ta' persuni qiegħda jonqos. Filwaqt li l-movimenti tul il-kurva ta' Beveridge jistgħu jiġu attribwiti għal bidliet fit-tensjoni tas-suq tax-xogħol, iċ-ċaqliq tal-kurva jista' jindika bidliet fl-effiċjenza korrispondenti bejn il-provvista ta' ħaddiema u d-domanda għall-ħaddiema, jiġifieri l-faċilità li biha l-individwi qiegħda jistgħu

[16] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

jsibu impjieg. Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti u ċ-ċifri tar-rata tal-qgħad użati biex jinbnew il-kurvi ta' Beveridge ta' hawn taħt huma medji ta' erba' trimestri ta' data trimestrali.

Bejn l-ewwel trimestru tal-2021 (Q1-2021) u r-raba' trimestru tal-2022 (Q4-2022), nosservaw żieda kontinwa fir-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti tul segment aktar wieqaf tal-kurva ta' Beveridge. Sa mill-punt tat-tibdil, ir-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienu qed jonqsu drastikament fl-UE, mingħajr l-ebda żieda fl-istess ħin fir-rati tal-qgħad s'issa.

Matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport, l-Eurostat aġġorna l-kurva ta' Beveridge tal-UE darbtejn fis-sena u kkummenta dwar ir-riżultati f'artikolu ta' Statistika Spjegata[17]. Din il-kurva hija pprovduta hawn taħt, sal-aħħar trimestru kopert minn dan ir-rapport (T3-2024).




*Source:* Eurostat (online data codes: jvs_q_nace2, lfsq_urgan)

## 4. Kwalità tad-data

Din il-parti tar-rapport teżamina d-dimensjonijiet tal-kwalità kollha fl-istatistika Ewropea dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti: ir-rilevanza, l-akkuratezza, iż-żamma tal-ħin u l-puntwalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza.

### 4.1 Rilevanza

JVS huma importanti għall-analiżi ekonomika, peress li huma s-sors ewlieni tad-data li jkejjel id-domanda għall-ħaddiema mhux issodisfata[18]. Id-data trimestrali tal-JVS tintuża mill-

[17] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Job_vacancy_and_unemployment_rates_-_Beveridge_curve&action=statexp-seat&lang=mt

Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) u mill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex jimmonitorjaw l-iżviluppi fuq perjodu qasir fiċ-ċiklu tan-negozju u fis-suq tax-xogħol.

Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti hija wieħed mill-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali [19], li huma s-sors ewlieni ta' informazzjoni għall-analiżi u għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi ċikliċi fuq perjodu qasir fl-UE, fiż-żona tal-euro u f'pajjiżi individwali tal-UE.

Il-JVS intużaw ukoll f'diversi dokumenti uffiċjali, inkluż ir-Rapport Konġunt tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi (2024)[20] u t-tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni (rebbiegħa 2023)[21].

### 4.2 Akkuratezza

Bħala indikazzjoni tal-akkuratezza, l-Istati Membri jikkalkolaw il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni fl-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti (mhux aġġustati staġjonalment), filwaqt li jqisu l-karatteristiċi tad-disinn tal-kampjun nazzjonali tagħhom. Il-koeffiċjent tal-varjazzjoni jesprimi l-iżball standard bħala perċentwal tal-valur tal-medja li qiegħed jiġi stmat. Skont ir-rapporti dwar il-kwalità għas-sena ta' referenza 2023, il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni għat-total ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienu taħt il-15 % fl-Istati Membri kollha minbarra l-Irlanda[22].

[18] F'sitwazzjonijiet fejn id-data dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti ma tkunx disponibbli, f'xi każijiet id-domanda għall-ħaddiema mhux issodisfata ġiet issostitwita
b'analiżi ekonomika permezz ta' indikaturi bbażati fuq stħarriġ, pereżempju ta' nuqqasijiet perċepiti ta' ħaddiema kif irrapportati mid-ditti.

[19] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-*Istatistika taż-żona tal-euro*
*Lejn metodoloġiji mtejba għall-istatistika u l-indikaturi taż-żona tal-euro*, COM(2002) 661 final.

[20] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/93b9c730-8da5-11ee-8aa6-01aa75ed71a1

[21] https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/european-economic-forecast-spring-2023_en?prefLang=mt

[22] Metadata tal-JVS: https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm.

Ir-rata tar-rispons taffettwa b'mod sinifikanti l-akkuratezza tal-istimi. Skont ir-rapporti dwar il-kwalità mill-Istati Membri, din varjat minn 14,7 % fil-Ġermanja[23] (għall-istħarriġ bil-posta li sar fir-raba' trimestru tal-2023, Q4-2023) u bejn 21,1 % u 32,7 % għall-Greċja (skont it-trimestri) sa 98,3 % fil-Litwanja, fid-Danimarka u 98,7 % fi Franza. Fl-2023, ir-rata medjana ta' rispons madwar l-Istati Membri baqgħet għolja, fejn varjat minn 83 % sa 86 % skont it-trimestru.




Iċ-Ċekja, il-Kroazja u l-Lussemburgu: Mhux applikabbli; ma sar l-ebda stħarriġ u ntużat data amministrattiva.

F'termini ta' reviżjonijiet, is-sitwazzjoni tvarja għaż-żewġ rilaxxi tar-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti, jiġifieri l-istimi rapidi u finali. L-istimi rapidi, li jiġu rilaxxati f'T+50 jum, jistgħu jiġu riveduti f'T+78 jum, meta jiġu ppubblikati l-istimi finali. Għalkemm id-data rapida ma tkoprix l-Istati Membri kollha, ir-reviżjonijiet tal-istimi rapidi ma qabżux 0,1 punt perċentwal għaż-żona tal-euro u għall-UE matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport.

Fir-rigward tal-istimi finali ppubblikati f'T+78 jum, ir-reviżjonijiet jistgħu jitkejlu billi wieħed iqabbel l-ewwel trażmissjoni mal-aħħar ħarġa disponibbli. Għaż-żona tal-euro u għall-UE, ir-reviżjonijiet fir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti qatt ma qabżu 0,1 punt perċentwal matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport, ħlief għall-ewwel u t-tieni trimestru tal-2023 (T1-2023 u T2-2023), fejn ir-reviżjonijiet laħqu 0,2 punt perċentwal.

[23] L-istħarriġ dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti ma huwiex obbligatorju fil-Ġermanja, u dan jispjega r-rata baxxa ta' rispons għall-istħarriġ bil-posta li jsir fir-raba' trimestru ta' kull sena. Ir-riżultati minn dan l-istħarriġ jiġu pponderati mill-ġdid bl-użu ta' data amministrattiva, permezz tal-istima ta' rigressjoni ġeneralizzata, sabiex jiġi kkoreġut kwalunkwe preġudizzju minħabba nuqqas ta' rispons.

## 4.3 Żamma tal-ħin u puntwalità

L-Istati Membri kollha huma mitluba jipprovdu serje ta' żmien għan-numru totali ta' postijiet vakanti u għan-numru ta' postijiet tax-xogħol okkupati fil-pajjiż tagħhom, li tibda mill-ewwel trimestru tal-2010. Dawn għandhom jipprovdu d-data sa mhux aktar tard minn 70 jum minn tmiem it-trimestru (T+70). Barra minn hekk, l-Istati Membri li jimpjegaw aktar minn 3 % tat-total tal-UE huma mitluba jibagħtu stimi rapidi sa mhux aktar tard minn 45 jum wara t-tmiem tat-trimestru (T+45).

It-tempestività tat-trażmissjonijiet tal-JVS kienet sodisfaċenti b'mod ġenerali kemm fir-rigward tal-istima rapida kif ukoll tal-pubblikazzjoni finali. L-Istati Membri ġew imfakkra b'mod regolari dwar l-importanza li jikkonformaw mal-iskadenzi obbligatorji għat-trażmissjoni tad-data dwar l-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali, inkluża l-JVS. Xi dewmien ġie rreġistrat xi drabi fl-Irlanda, fil-Kroazja, fl-Ungerija u fil-Lussemburgu (dewmien ta' jum) kif ukoll fil-Greċja, fil-Portugall u fl-Iżlanda (dewmien ta' jumejn). Fit-tielet trimestru tal-2022 (T3-2022), il-Portugall ittrażmetta d-data tiegħu tard wisq għall-inklużjoni fir-rilaxx trimestrali. Ma kien hemm l-ebda konsenja strutturalment tard li setgħet tfixkel il-pubblikazzjoni f'waqtha tal-aggregati Ewropej.

## 4.4 Aċċessibbiltà u ċarezza

Il-JVS dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tiġi mxerrda permezz tal-kanali ta' distribuzzjoni standard tal-Eurostat, jiġifieri l-bażi ta' data online u l-paġni "Statistika Spjegata" fuq is-sit web tal-Eurostat[24]. Is-sit web jipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti kemm għall-aggregati Ewropej kif ukoll għall-Istati Membri individwali, inklużi ċarts dwar l-iżviluppi maż-żmien. Peress li r-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti tappartjeni għall-indikaturi ekonomiċi Ewropej ewlenin, kull trimestru tiġi ppubblikata stqarrija tal-aħbarijiet[25].

Il-metadata fornuta lill-utenti b'appoġġ għar-rilaxxi tad-data ġiet aġġornata permezz tar-rapporti annwali dwar il-kwalità pprovduti mill-Istati Membri. Dawn jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Eurostat[26].

## 4.5 Komparabbiltà u koerenza

Ma hemm l-ebda sors armonizzat ieħor disponibbli fil-livell Ewropew li jkejjel id-domanda mhux issodisfata fis-suq tax-xogħol, li jista' jintuża għat-tqabbil mal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti. Ħafna Stati Membri jgħoddu l-postijiet tax-xogħol vakanti rrapportati lis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, iżda huwa problematiku li jintużaw dawn iċ-ċifri sabiex tiġi vvalutata l-konsistenza tal-JVS. Dan għaliex tali data tista' ssofri minn nuqqas ta' kopertura, (peress li mhux il-postijiet tax-xogħol vakanti kollha jistgħu jiġu rrapportati lis-servizz pubbliku tal-impjiegi) u/jew rapportar żejjed (jekk kwalunkwe post tax-xogħol vakanti li jkun imtela jibqa' fir-reġistru amministrattiv). Barra minn hekk, il-JVS minn sorsi amministrattivi hija bbażata fuq definizzjonijiet nazzjonali, li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor.

---

[24] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Job_vacancy_statistics and https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Job_vacancy_and_unemployment_rates_-_Beveridge_curve (disponibbli bl-Ingliż biss).

[25] Ara l-Kalendarju tar-Rilaxx għall-indikaturi tal-euro (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

[26] Ara l-metadata tal-JVS u r-rapporti ta' kwalità tal-UE u dawk nazzjonali: https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

In-numru ta' postijiet tax-xogħol okkupati, li huwa d-denominatur għar-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti, jista' jitqabbel mal-informazzjoni minn sorsi oħrajn, b'mod partikolari n-numru ta' persuni impjegati rrapportati fl-istħarriġ tal-UE dwar il-forza tax-xogħol (EU-LFS, EU labour force survey). Il-paraguni u l-valutazzjonijiet sussegwenti tad-differenzi jridu madankollu jqisu d-differenzi kunċettwali u dawk relatati mal-istħarriġ ta' bejn is-sorsi. B'mod partikolari, l-JVS hija stmata minn kampjun ta' negozji, filwaqt li l-EU-LFS huwa bbażat fuq kampjun ta' unitajiet domestiċi.

Id-data tal-EU-LFS ġiet estratta għas-sena ta' referenza 2023 skont il-*pajjiż tax-xogħol*, aktar milli l-pajjiż ta' residenza li jintuża għall-biċċa l-kbira tal-istatistika bbażata fuq l-LFS. Din l-estrazzjoni hija aktar konformi mal-kunċett ta' postijiet okkupati użati f'JVS peress li teskludi lill-vjaġġaturi transfruntieri u lil persuni mhux residenti oħrajn li l-postijiet tagħhom ma humiex irreġistrati f'dawn tal-aħħar. Dan jista' jneħħi d-distakk negattiv imkejjel għal-Lussemburgu li huwa spjegat mill-proporzjon kbir ta' xogħol transfruntier, li joħloq diskrepanzi kbar bejn il-kunċetti tal-EU-LFS u tal-JVS: l-EU-LFS jistħarreġ unitajiet domestiċi residenti biss, anke dawk li jaħdmu barra mill-pajjiż, filwaqt li l-JVS tkopri intrapriżi residenti, inklużi ħaddiema mhux residenti (jiġifieri transfruntieri).

Kif muri fl-illustrazzjoni ta' hawn taħt, id-differenza bejn in-numru ta' impjegati rreġistrati fl-EU-LFS u n-numru ta' postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati fil-JVS għall-ekonomija kollha ġeneralment tvarja bejn -15 % u +15 % bl-eċċezzjoni tal-Portugall (+16 %) u l-Greċja, l-Ungerija u r-Rumanija (kollha 'il fuq minn +20 %).



* Id-Danimarka: tqabbil għan-NACE Rev. 2, it-taqsimiet B-N aggregati.
** Franza u l-Italja: il-postijiet tax-xogħol okkupati ma humiex irreġistrati għat-taqsima O u huma rreġistrati biss parzjalment ħafna għat-taqsimiet P u Q. Għalhekk, dawk it-taqsimiet tħallew barra f'dan it-tqabbil mad-data tal-EU-LFS.

Fil-każ tal-Greċja, id-distakk identifikat jindika differenzi bejn iż-żewġ sorsi fir-rigward tal-metodoloġija u d-definizzjonijiet. Il-JVS tkopri biss negozji bi tliet impjegati jew aktar. Barra minn hekk, xi negozji jistgħu ma jiġux inklużi fil-qafas ta' kampjunar minħabba li jkunu bdew joperaw wara li ġie aġġornat ir-reġistru tan-negozju, li jwassal għal xi sottovalutazzjoni tal-postijiet tax-xogħol okkupati.

L-Ungerija ma tkoprix negozji b'inqas minn ħames impjegati fil-JVS tagħha, u dan jispjega parti mid-distakk irreġistrat.

Fir-rapport tagħha dwar il-kwalità[27], ir-Rumanija spjegat li d-diskrepanzi bejn l-EU-LFS u l-JVS fir-rigward tan-numru ta' postijiet tax-xogħol okkupati kienu jirriflettu l-fatt li l-postijiet tax-xogħol okkupati miġbura permezz ta' metodi JVS ma kinux jinkludu dan li ġej:

- individwi li l-kuntratt ta' impjieg tagħhom jiġi sospiż għal perjodu partikolari (għal raġunijiet ta' liv tal-maternità, liv tal-kura tat-tfal, liv minħabba mard jew liv mhux imħallas, jew minħabba xi tip ta' assenza oħra);
- postijiet li, għalkemm jiġu sospiżi b'mod temporanju, jistgħu jispiċċaw vakanti u jiġu okkupati għal perjodu ta' żmien limitat;
- postijiet fil-forzi armati jew fis-settur informali.

Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli tal-pajjiżi elenkati hawn fuq, l-Eurostat se jkompli jimmonitorja d-diskrepanzi bejn in-numru ta' impjegati rreġistrati mill-EU-LFS u n-numru ta' postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati fil-JVS.

Huwa importanti wkoll li l-postijiet vakanti u l-postijiet imħallsa ta' aġenziji temporanji jkunu koperti u assenjati lit-taqsima N tan-NACE Rev. 2.

Fl-aħħar nett, l-isfida ewlenija fir-rigward tal-komparabbiltà hija għall-Istati Membri kollha biex ikopru l-ekonomija kollha fil-JVS tagħhom, jiġifieri li jinkludu lill-intrapriżi żgħar u n-NACE Rev. 2, it-Taqsimiet O sa S, inklużi l-istituzzjonijiet pubbliċi. Mill-aħħar rapport ta' progress, Franza issa tkopri intrapriżi b'inqas minn 10 impjegati. Madankollu, kif imsemmi fit-Taqsima 2.1, id-data għad-Danimarka, għal Franza u għall-Italja għadha ma hijiex kompletament komparabbli ma' dik ta' Stati Membri oħrajn.

## 5. Konklużjoni

B'mod ġenerali, il-kwalità tal-JVS tal-Istati Membri u tal-aggregati tal-UE baqgħet tajba. Matul l-aħħar 3 snin, iż-żamma tal-ħin tal-JVS kompliet titjieb.

Ir-rapporti dwar il-kwalità tal-Istati Membri ġew ipproċessati bl-użu tal-aktar verżjoni reċenti tal-għodda tal-Handler tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. u saru disponibbli għall-utenti kollha[28].

[27] https://webgate.ec.europa.eu/estat/spe/metaconv/previewMetadataFile.htm?metadataFileId=36727
[28] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

Fir-rigward tal-aġġustamenti staġjonali, l-Eurostat ġabar informazzjoni metodoloġika dettaljata mill-Istati Membri u rrilaxxaha għall-utenti bħala anness għar-rapporti annwali dwar il-kwalità.

L-Eurostat kompla jipprovdi lill-utenti istituzzjonali u lill-pubbliku ġenerali b'JVS u b'indikaturi derivati fuq bidliet ċikliċi u strutturali fis-swieq tax-xogħol tal-UE. B'mod partikolari, JVS setgħu jaqbdu l-punt tat-tibdil li affettwa ċ-ċikli tan-negozju taż-żona tal-euro u tal-UE.

L-aggregati Ewropej ġew ippubblikati kif skedat. B'mod ġenerali, kienu meħtieġa biss reviżjonijiet minuri ħafna għall-aggregati Ewropej kemm fir-rigward tal-istimi rapidi kif ukoll ta' dawk finali.

Sabiex tittejjeb ulterjorment il-komparabbiltà tal-JVS bejn il-pajjiżi, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jkopru bis-sħiħ is-settur pubbliku (fil-każ tad-Danimarka, Franza u l-Italja). It-titjib fil-kopertura jagħmilha wkoll possibbli li jiġi ppubblikat in-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti, għall-aggregati Ewropej, barra mir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti. L-Eurostat se jkompli jindirizza din il-kwistjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi kkonċernati.

Ir-regolament il-ġdid dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-UE dwar in-negozji se jintroduċi t-titjib li ġej għall-JVS:

- l-eliminazzjoni ta' preġudizzji possibbli billi jiġu koperti l-attivitajiet ekonomiċi u d-daqsijiet tan-negozji kollha, inklużi ditti żgħar b'inqas minn 10 impjegati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-settur pubbliku;
- l-introduzzjoni ta' miri ta' preċiżjoni għan-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati;
- l-ispeċifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-unitajiet statistiċi użati għall-ġbir tad-data tal-JVS, u li dawn jiġu limitati għall-intrapriżi u l-unitajiet lokali.

L-Eurostat se jkompli jimmonitorja l-konformità u l-kwalità tal-JVS f'intervalli regolari, permezz ta' data mogħtija u dokumentazzjoni nazzjonali oħra, inklużi rapporti dwar il-kwalità, u se jkompli jsegwi dan mill-qrib mal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali responsabbli.

Ir-Regolament il-ġdid (EU) 2025/941tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ġie adottat fis-7 ta' Mejju 2025[29].

Peress li l-qafas legali ġie aġġornat bir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, adottat fis-7 ta' Mejju 2025, dan huwa l-aħħar rapport skont ir-Regolament (KE) Nru 453/2008.

[29] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202500941